



Brussell, it-12 ta' Frar 2021  
REV2 – tissostitwixxi l-avviż (REV1)  
bid-data tas-27 ta' April 2018

## AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAS-SUQ INTERN TAL-ENERĠIJA

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"<sup>1</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>2</sup> ippreveda perjodu ta' tranżizzjoni li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ippreveda wkoll, f'xi każijiet, dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit innegozjaw Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, li ġie ffirmat fit-30 ta' Diċembru 2020<sup>3</sup> u japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021<sup>4</sup>.

Il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra fis-sitwazzjoni legali applikabbli minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, b'kont meħud tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni (il-Parti A ta' hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti B ta' hawn taħt).

Kun af li: Dan l-avviż ma jindirizzax ir-regoli tal-UE dwar

- l-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra;
- is-servizzi finanzjarji;
- il-garanziji tal-oriġini u ċertifikazzjoni tal-installatur;
- il-VAT u s-sisa.

Fir-rigward ta' dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn.

<sup>1</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-Unjoni Ewropea.

<sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

<sup>3</sup> Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14.

<sup>4</sup> ĠU L 1, 1.1.2021, p. 1.

## **A. IS-SITWAZZJONI LEGALI MINN TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI**

Mill-1 ta' Jannar 2021, l-acquis tal-UE dwar is-suq intern tal-enerġija<sup>5</sup> ma għadux japplika għar-Renju Unit u fih<sup>6</sup>.

Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

### **1. KUMPENS BEJN L-OPERATORI TAS-SISTEMA TA' TRAŻMISSJONI (TSOS-TRANSMISSION SYSTEM OPERATORS)**

Ir-Regolament (UE) Nru 2019/943<sup>7</sup> jistabbilixxi l-prinċipji għal mekkaniżmu ta' kumpens bejn l-operaturi tas-sistema ta' intertrażmissjoni u għall-ħlasijiet għall-aċċess għan-networks.

Fuq il-bażi ta' dawk il-prinċipji, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2010<sup>8</sup> jipprevedi li TSOs tal-UE jirċievu kumpens għall-ospitar fin-networks tagħhom ta' flussi transkonfinali tal-elettriku. Dan il-kumpens jissostitwixxi ħlasijiet espliċiti għall-użu ta' interkonnnetturi.

Rigward l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-elettriku minn u lejn pajjiżi terzi, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2010<sup>9</sup> jistabbilixxi li l-pajjiżi terzi kollha li ma adottawx ftehim li jipprevedi l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni għandhom iħallsu għad-dritt għall-użu ta' sistema ta' trażmissjoni fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet skedati kollha tal-elettriku.

L-Artikolu ENER.13(3) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li kull Parti għandha tiegħu l-passi meħtieġa biex tiżgura l-konklużjoni, malajr kemm jista' jkun, ta' ftehim bejn bosta partijiet b'rabta mal-kumpens għall-kostijiet tal-ospitar ta' flussi transkonfinali ta' elettriku bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistema ta' intertrażmissjoni stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2010 u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tar-Renju Unit.

---

<sup>5</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/944 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku, ĠU L158, 14.6.2019, p. 125; id-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali, ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94; ir-Regolament (UE) 2019/942 li jistabbilixxi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22; ir-Regolament (UE) 2019/943 dwar is-suq intern tal-elettriku, ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54; ir-Regolament (UE) 2019/941 dwar it-tnejn għar-riskji fis-settur tal-elettriku, ĠU L 158, 14.6.2019, p. 1; ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali, ĠU L211, 14.8.2009, p. 36; ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, ĠU L 163, 15.6.2013, p.1.

<sup>6</sup> Rigward l-applikabbiltà ta' ċerti regoli tas-suq intern tal-enerġija tal-UE għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti B ta' dan l-avviż.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/943 dwar is-suq intern tal-elettriku, ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54.

<sup>8</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2010 tat-23 ta' Settembru 2010 dwar l-iffissar ta' linji gwida għall-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni u għal approċċ regolatorju komuni għall-ħlasijiet ta' trażmissjoni, ĠU L 250, 24.9.2010, p.5; ara b'mod partikolari l-Anness A, il-punti 2 u 3.

<sup>9</sup> L-Anness A, il-punt 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2010.

Il-Ftehim bejn bosta partijiet għandu jkollu l-għan li jiżgura li (i) l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-Renju Unit jiġu ttrattati fuq bażi ekwivalenti għal operatur tas-sistema ta' trażmissjoni f'pajjiż li jkun qed jipparteċipa fil-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' intertrażmissjoni; u (ii) it-trattament tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tar-Renju Unit ma jkunx aktar favorevoli meta mqabbel ma' dak li jkun japplika għal operatur tas-sistema ta' trażmissjoni li jipparteċipa fil-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' intertrażmissjoni.

## 2. INTERKONNETTIVITÀ

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-suq tal-gass u l-elettriku tistabbilixxi regoli dwar il-kalkolu u l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' interkonnessjoni u tipprevedi mekkaniżmi li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tagħhom. B'mod partikolari:

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719<sup>10</sup> jistabbilixxi pjattaforma unika biex jalloka bil-quddiem il-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni tat-TSOs. Din il-pjattaforma tipprovdi punt ċentrali ta' kuntatt għal parteċipanti fis-suq għall-prenotazzjoni ta' kapaċitajiet ta' trażmissjoni fit-tul fl-UE kollha.
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195<sup>11</sup> jistabbilixxi l-pjattaformi tal-ibbilanċjar Ewropej għall-iskambju ta' prodotti tal-ibbilanċjar standard. Bħala punti uniċi ta' kuntatt, huma jippermettu lit-TSOs tal-UE jfornu ruħhom b' enerġija tal-ibbilanċjar fi żmien qasir min-naħa l-oħra tal-fruntieri.
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222<sup>12</sup> jistabbilixxi l-akkoppjament ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata tas-swieq tal-elettriku tal-UE. Permezz ta' dan, il-partiċipanti tas-suq jiġu meġġuna fl-organizzazzjoni ta' tranżazzjonijiet bl-ingrossa ta' enerġija elettrika transkonfinali fl-UE qrib id-data tal-konsenja. L-akkoppjamenti ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata huma għodod essenzjali għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-elettriku tal-UE. Ir-Regolament (UE) 2015/1222 jipprevedi wkoll rekwiżiti komuni għall-ħatra ta' operaturi nominati tas-suq tal-elettriku (NEMOs - nominated electricity market operators) fl-akkoppjament tas-swieq. Fost il-kompiti tagħhom huma jirċievu l-ordnijiet minn partiċipanti tas-suq, għandhom ir-responsabbiltà ġenerali għar-rikonċiljazzjoni u l-allokazzjoni ta' ordnijiet b'konformità mar-riżultati tal-akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata, jippubblikaw il-prezzijiet u jipprovdu s-saldu u l-ikklerjar ta' kuntratti li jirriżultaw min-negożjar skont il-ftehimiet u r-regolamenti tal-partiċipanti rilevanti. In-NEMOs huma intitolati li joffru s-servizzi tagħhom fi Stati Membri barra minn dawk li jkunu nominati fihom.

L-Artikoli ENER.13, ENER.14, ENER.15 u ENER.19 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprovdu qafas għall-iżvilupp ta' arranġamenti u proċeduri tekniċi għall-użu effiċjenti tal-interkonnetturi tal-elettriku u tal-gass bejn l-Unjoni u r-Renju Unit u jipprevedu mekkaniżmi li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tagħhom. Madankollu, dawn l-

---

<sup>10</sup> L-Artikoli 48 sa 50 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719 tas-26 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi Linja Gwida dwar l-allokazzjoni bil-quddiem tal-kapaċità, ĠU L 259, 27.9.2016, p.42.

<sup>11</sup> L-Artikoli 19 sa 21 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195 tat-23 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku (ĠU L 312, 28.11.2017, p. 6).

<sup>12</sup> Il-Kapitoli 5 u 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linja Gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni, ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24.

arranġamenti ma jistgħux jinvolvu jew jimplikaw parteċipazzjoni mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-Renju Unit fil-proċeduri tal-Unjoni relatati mal-użu tal-interkonnessjonijiet<sup>13</sup>.

L-esklużjoni mill-parteeċipazzjoni tapplika għall-pjattaforma unika ta' allokkazzjoni għall-kapaċità ta' allokkazzjoni bil-quddiem, għall-pjattaformi tal-ibbilanċjar Ewropej u għall-akkoppjament ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata tas-swieq tal-elettriku tal-UE. Barra minn hekk, NEMOs ibbażati fir-Renju Unit saru operaturi ta' pajjiżi terzi u ma għadhomx intitolati li jwettqu servizzi ta' akkoppjament tas-swieq fl-UE.

### **3. TĦADDIM TAS-SISTEMA TA' KOORDINAZZJONI**

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485<sup>14</sup> jeħtieġ li t-TSOs jistabbilixxu reġjuni ta' tħaddim tas-sistema. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/943<sup>15</sup> jirrikjedi li t-TSOs ta' reġjun ta' tħaddim tas-sistema jistabbilixxu ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali (RCC, regional coordination centre) sal-1 ta' Lulju 2022. L-RCCs se jgħinu lit-TSOs fost l-oħrajn biex iġġestixxu aħjar il-konġestjonijiet fis-sistemi tagħhom u biex itejbu l-kalkolu tal-kapaċitajiet fuq l-interkonnnetturi tagħhom.

Mill-1 ta' Jannar 2021, ir-reġjuni ta' tħaddim tas-sistema ma għadhomx ikopru lir-Renju Unit. Konsegwentement, it-TSOs tar-Renju Unit ma jistgħux jipparteċipaw fl-RCCs. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibiltà ta' kooperazzjoni teknika bejn l-RCCs u t-TSOs tar-Renju Unit.

### **4. NEGOZJAR TAL-ELETTRIKU U TAL-GASS**

Ir-Regolament (UE) 1227/2011<sup>16</sup> jipprojbixxi abbużi tas-suq fuq swieq tal-elettriku u tal-gass bl-ingrossa. Sabiex il-prosekuzzjoni tal-abbużi tas-suq tkun effettiva, l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 1227/2011 jesiġi li l-parteeċipanti fis-suq ibbażati fl-UE jirreġistraw mal-awtorità regolatorja nazzjonali tal-enerġija tagħhom. Il-parteeċipanti fis-suq minn pajjiżi terzi huma meħtieġa jirreġistraw mal-awtorità regolatorja nazzjonali tal-enerġija ta' Stat Membru li fih ikunu attivi.

Mill-1 ta' Jannar 2021, il-parteeċipanti fis-suq ibbażati fir-Renju Unit saru parteċipanti ta' pajjiżi terzi. Konsegwentement, skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 1227/2011, il-parteeċipanti bbażati fir-Renju Unit li jixtiequ jkomplu jinnegożjaw prodotti tal-enerġija tal-UE bl-ingrossa għandhom jirreġistraw mal-awtorità regolatorja nazzjonali tal-enerġija

---

<sup>13</sup> Ara, għall-elettriku, l-Artikolu ENER.13(2) u, għall-gass, l-Artikolu ENER.15(3) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni. Fir-rigward tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass, attwalment l-arranġamenti kummerċjali żviluppatti mit-TSOs sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/459 tas-16 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar il-mekkaniżmi ta' allokkazzjoni tal-kapaċità fis-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass, mhumiex "proċeduri tal-Unjoni" fis-sens tal-Ftehim. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-istatus ta' kwalunkwe proċedura jew arranġament futur, li jista' jiġi żviluppatt.

<sup>14</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku, ĠU L 220, 25.8.2017, p.1.

<sup>15</sup> L-Artikoli 34-47 tar-Regolament (UE) 2019/943.

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1 (REMIT).

tal-Istat Membru li fih ikunu attivi. Skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) 1227/2011, il-formola ta' reġistrazzjoni trid titressaq qabel ma tibda t-tranżazzjoni li jeħtieġ li tiġi rrapportata.

L-Artikolu ENER.7 tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni jipprovdi li l-Partijiet għandhom jikkooperaw bil-għan tad-detenzjoni u tal-prevenzjoni ta' negozjar ibbażat fuq informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq, u jekk xieraq, jistgħu jiskambjaw informazzjoni inkluż dwar l-attivitajiet ta' monitoraġġ tas-suq u ta' infurzar.

## **5. INVESTIMENTI F'OPERATORI TAS-SISTEMA TA' TRAŻMISSJONI**

Id-Direttiva (UE) 2019/944/KE<sup>17</sup> u d-Direttiva (UE) 2009/73/KE<sup>18</sup> jipprevedu ċ-ċertifikazzjoni tat-TSOs. Skont l-Artikolu 53 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2009/73/KE, iċ-ċertifikazzjoni ta' TSO li hija kkontrollata minn persuna jew persuni minn pajjiż terz hija soġġetta għal regoli speċifiċi. B'mod partikolari, id-Direttivi jeħtieġu li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jivvalutaw jekk l-għoti ta' ċertifikazzjoni lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni kkonċernat ikkontrollat minn persuna jew persuni minn pajjiż terz iqiegħedx f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Istat Membru u tal-UE.

Mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem, TSOs ikkontrollati minn investituri mir-Renju Unit huma TSOs ikkontrollati minn persuni minn pajjiż terz. Biex daww it-TSOs ikomplu l-attività tagħhom fl-UE, huma jeħtieġu ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 53 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2009/73/KE. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw iċ-ċertifikazzjoni jekk l-għoti ta' ċertifikazzjoni jhedded is-sigurtà tal-provvista tal-Istat Membru.

## **6. KONDIZZJONIJET GĦALL-GĦOTI U L-UŻU TA' AWTORIZZAZZJONIJET GĦALL-PROSPETTAR, L-ESPLORAZZJONI U L-PRODUZZJONI TA' IDROKARBURI**

Id-Direttiva (UE) 94/22/KE<sup>19</sup> tistabbilixxi r-regoli għall-awtorizzazzjoni tal-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi. Hija tiżgura, fost l-oħrajn, li l-proċeduri jkunu miftuħa għall-entitajiet kollha u li l-awtorizzazzjonijiet jingħataw fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u ppubblikati. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva (UE) 94/22/KE, l-Istati Membri jistgħu jiċċedu, fuq il-bażi ta' sigurtà nazzjonali, l-aċċess għal daww l-attivitajiet u l-eżerċitar tagħhom lil kwalunkwe entità li hija effettivament ikkontrollata minn pajjiżi terzi jew minn ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva (UE) 94/22/KE japplika meta l-awtorizzazzjonijiet ikunu ngħataw jew jintalbu biex jingħataw lil entità li hija effettivament ikkontrollata mir-Renju Unit jew minn ċittadini tar-Renju Unit.

<sup>17</sup> Id-Direttiva 2019/944 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku, ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125.

<sup>18</sup> Id-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali, ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94.

<sup>19</sup> Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

## **B. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ MINN TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI**

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ilu japplika minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.<sup>20</sup> Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġislattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.<sup>21</sup>

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru.<sup>22</sup>

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li ċerti regoli tal-UE rigward iswieg tal-elettriku bl-ingrossa japplikaw għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.<sup>23</sup>

Dan ifisser li fejn ir-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-avviż japplikaw għall-ġenerazzjoni, it-trażmizzjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista tal-elettriku, in-negozjar fl-elettriku bl-ingrossa jew skambji transkonfinali tal-elettriku<sup>24</sup>, dawn għandhom jinftiehm u bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehm u li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B' mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- L-operaturi bbażati fl-Irlanda ta' Fuq huma ttrattati bħall-operaturi tal-Unjoni għall-finijiet tal-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistema ta' intertrażmissjoni (ara hawn fuq, it-Taqsima A.1)
- L-operaturi bbażati fl-Irlanda ta' Fuq huma ttrattati bħala operaturi tal-Unjoni għall-finijiet tal-pjattaforma unika ta' allokkazzjoni għall-kapaċità ta' allokkazzjoni bil-quddiem, tal-pjattaformi tal-ibbilanċjar Ewropej u tal-akkoppjament ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata (ara hawn fuq, it-taqsima A.2).
- Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 jibqgħu japplikaw fir-rigward tal-kummerċ bl-ingrossa tal-elettriku fl-Irlanda ta' Fuq. Il-kuntratti u d-derivattivi għall-provvista jew it-trasport tal-elettriku (iżda mhux tal-gass) fl-Irlanda ta' Fuq huma prodotti tal-enerġija bl-ingrossa kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 (ara hawn fuq, it-taqsima A.4)

---

<sup>20</sup> L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>21</sup> L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>22</sup> L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>23</sup> L-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u l-Anness 4 ta' dak il-Protokoll.

<sup>24</sup> Id-dispożizzjonijiet relatati mas-swieg tal-bejgħ bl-imnut u l-protezzjoni tal-konsumatur ma għandhomx japplikaw.

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni<sup>25</sup>;
- jinwoka l-prinċipju tal-pajjiż tal-orġini jew ir-rikonoxximent reċiproku għal, fost l-oħrajn, reġistrazzjonijiet ma' awtorità kompetenti nazzjonali<sup>26</sup>.

B' mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- ir-regolatur tal-Irlanda ta' Fuq huwa eskluż mill-parteċipazzjoni fl-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija;
- Reġistrazzjoni mal-awtorità reġoaltrja fir-Renju Unit li taġixxi fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq mhijiex valida fl-UE (ara l-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-irlanda/l-Irlanda ta' Fuq). Għalhekk, il-parteċipanti fis-suq li jinnegozjaw prodotti tal-enerġija bl-ingrossa jridu jirreġistraw ma' Stat Membru tal-Unjoni.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE dwar il-politika tal-enerġija (<https://ec.europa.eu/energy/mt/home>) jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għas-suq intern tal-enerġija. Dawk il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija

---

<sup>25</sup> Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom iseħħu fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>26</sup> L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.